**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla**

**Is-8 LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 021/2020**

6 ta' Awissu 2020

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Alison Zerafa Civelli | – Sindku |
| Marco Agius | – Vici-Sindku |
| Johann Scerri | – Kunsillier |
| Martin Vella | – Kunsillier |
| Melanie Agius Attard | - Kunsilliera |

Membri tal- Pubbliku: (1)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Noyah Spiteri Hammett | – Kunsilliera |
| James Cauchi | - Kunsillier |

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sa. Alison Zerafa Civelli, Sindku , ippresjediet il-laqgha.

### 21.1 Qari ta' ittri ta' apologija

21.1.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-Kunsilliera Noyah Spiteri Hammett kienet talbet lill-Kunsill Lokali jiskuza l-assenza taghha mis-seduta minhabba ragunijiet ta' familjari. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi n-nuqqas tal-Kunsilliera Spiteri Hammett kellu jigi meqjus bhala gustifikat. Is-Sa. Zerafa Civelli sahqet illi l-Kunsilliera Spiteri Hammett kienet talbet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi minflok nhar ta' tnejn, is-seduti tal-Kunsill Lokali jibdew jinzammu nhar ta' Hamis peress illi kien ser ikun difficli ghaliha li tattendi s-seduti minhabba ragunijiet ta' xoghol. Fuq kunsiderazzjoni tas-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Johann Scerri, bi qbil unanimu gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jibda' jiltaqa il-Hamis minflok it-Tnejn.

21.1.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-Kunsillier James Cauchi kien talab lill-Kunsill Lokali jiskuza l-assenza tieghu mis-seduta minhabba ragunijiet ta' mard. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi n-nuqqas tal-Kunsillier Cauchi kellu jigi meqjus bhala gustifikat.

### 21.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti

21.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 20 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

21.2.2 Il-Kunsillier Martin Vella ghadda rizoluzzjoni sabiex f'minuta 10.9.3, wara l-kliem "Il-Kunsill Lokali qabel illi kellha ssir konsultazzjoni ma' Kunsilli ohra b'konnessjoni ma' proposta li kienet waslet minghand individwu ghal qbid ta' hamiem selvagg", kellu jizdied ili kliem "fuq proposta tal-Kunsillier Martin Vella, il-Kunsill Lokali kellu jevalwa wkoll il-possibilita' illi ma binjiet strategici jigu mwahhla 'spikes' bl-iskop li l-hamiem selvagg ma jkunx jista' jpoggi'. Is-Sa. Alison Zerafa Civelli ssekondat ir-rizoluzzjoni tal-Kunsillier Vella u kien hemm votazzjoni unanima.

21.2.3 Wara kunsiderazzjoni tas-Sa. Alison Zerafa Civelli ssekondata mis-Sur Johann Scerri, il-minuti hekk kif korretti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

### 21.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

21.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni ma' laqghat li l-Kunsill Lokali kellu mal-Agenzija LESA, rigward kamra li kien hemm fi gnien il-Kottoner, kien gie stabbilit illi l-istess agenzija ma' kenitx interessata li tokkupa l-istess kamra ghall-uzu tal-Gwardjani Lokali.

21.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokal illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kienet ser tkun qieghda titlob laqgha lill-Agenzija LESA bil-ghan illi tigi diskussa l-possibilita'

illi jigu installati CCTV cameras f'zoni strategici fil-lokalita', liema CCTV cameras kellhom jigu sorveljati mill-istess Agenzija.

21.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali bi problema ta' parkegg li kien hemm fi Triq l-Oratorju u sahqet illi flimkien mal-kunsillier responsabbli mill-immaniggjar tat-traffiku kienet ser tkun qieghda tevalwa soluzzjonijiet diversi bil-ghan illi diffikultajiet li kien hemm jigu ratifikati.

21.3.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-attivita' 'The Malta International Wine Festival' kienet giet ikkancellata minhabba s-sitwazzjoni nazzjonali marbuta mal-pandemija Covid-19

21.3.5 Is-Sindku sahqet illi kellha laqgha mal-Onor. Glenn Bendingfield. Is-Sa. Zerafa Civelli qalet illi waqt l-istess laqgha filwaqt li kienet giet infurmata illi kuncert li Fondazzjoni Kottonera kienet qieghda tippjana li ttella'gewwa l-lokalita', kien gie kkancellat, kien intlehaq qbil illi kemm il-darba l-attivita' Cospicua Short Play Festival 2020 tittella' f'Settembru tal-istess sena hekk kif ippjanat l-istess fondazzjoni kienet ser tkun qieghda tissieheb mal-Kunsill Lokali.

21.3.6 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'laqghat li kellha ma' entitajiet governattivi u entitajiet privati bil-ghan illi jigu diskussi possibbli soluzzjonijiet ghar-rigenerazzjoni ta' Gnien il-Kottoner.

21.3.7 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi flimkien mal-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet ser tkun qieghda tahdem bil-ghan illi jingabru stimi halli qabel l-istagun tax-xitwa, spralli u *culverts* fil-lokalita' jigu mnaddfa minn kuntrattur permezz ta' *pressure bowser*.

21.3.8 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara li kienet ikkonsulatat mal-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali, kien gie stabbilit illi fejn ikun possibbli, il-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jghaddi hlasijiet u fondi ohra dovuti lil fornituri permezz ta' *bank transfers*. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward kienet ser tkun qieghda tintbaghat applikazzjoni bil-ghan illi l-Kunsill Lokali ikun jista' jidhol fi ftehim mal-bank bil-ghan illi jsiru t-trasferimenti mehtiega.

21.3.9 Is-Sindku sahqet illi pubblikament xtaqet turi solidarjeta mal-NGO CSAF li kienet topera mil-lokalita' u li sfortunatament kellha membru li safa aggredit fi Triq il-Gublew tal-Fidda waqt il-qadi ta' dmirijietu.

## 21.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

21.4.1 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa: "Triq li hemm bejn pjazza Santa Margerita w l-bandli f'hiex wasslu l proceduri biex tinghalaq ghat traffic."

Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb: "Il-Kunsill Lokali qieghed jistenna li jinhargu l-permessi mehtiega minn Transport Malta. Konxju mill-fatt illi l-materja ilha pendent mhux hazin, qieghdin jintbaghatu diversi reminders."

21.4.2 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa: "It-toroq skont il kuntratt kemm il darba fil-gimgha ghandhom jinkinsu? u Il–knies fattwali qed ikun konformi mal-kuntratt?"
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb: "Il-kuntratt jistipula illi hemm numru ta' toroq li jinkinsu kuljum (primarjament iz-zona tal-promenade), filwaqt li hemm toroq ohra illi jinkinsu tliet darbiet fil-gimgha. Sal-lum ma kelli ebda rapport mill-contracts manager illi matul l-ahhar sena kien hemm xi nuqqasijiet serji."

21.4.3 Il-Hamis li ghadda kellha tinhsal triq San Lazzru , ghaliex ma nhaslitx? meta il-kunsill ghandu l-ghodda kollha mehtiega biex dan ix-xoghol issir.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb: Infurmat illi kien hemm diffikultajiet bil-provvista tal-ilma. Dan ghaliex filwaqt li inghatajna l-impressjoni li kien ser ikun hemm forniment ta' ilma minn resident dan ma kienx possibbli. Sfortunatament, il-vetturi tal-Kunsill Lokali kienu qieghdin jintuzaw ghal xogholijiet ohra u ma kienx possibbli illi nirrimedjaw fl-istess jum. Sussegwentement saru l-arrangamenti mehitega u x-xoghol sar.

21.4.4 Is-Sur Martin Vella staqsa: "Jista l–kunsill jipprovdi rapport dettaljat dwar '' Disable reserved parkings"
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb: "Il-Kunsill Lokali wettaq ezercizzju u ghandu rapport dettaljat dwar *reserved parking bays*. L-istess rapport gie mghoddi lil Transport Malta sabiex issir verifika tal-eligibilita' tal-individwi. Il-lista tista' tigi mghoddija lill-Kunsilliera li jitolbuha (dejjem bir-rizervi li tistipula l-General Data Protections Regulations)."

21.4.5 Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb: "Il-Kunsill ghandu rendikont ta kemm hemm pots responsabilita tieghu, u kemm hemm minhom vojta jew pjanti li ghadhom hajjin".
Is-Segretarju Ezekuttiv: "Il-Kunsill Lokali ghamel verifika u qieghda tigi pprezentata fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista ta' qsari, liema lista' ser tkun qieghda tigi annessa u tifforma parti mill-minuti".

21.4.6 Is-Sur Martin Vella staqsa: "Kien sar rapport min perit dwar triq Matty Grima ,jista l–kunsill jghati dettalji kif jista' jittwettaq min naha tal-kunsill, u jekk le hemm xi hsieb li jsiru xi kuntatti ma min jista' jwettaq dan ix-xoghol".
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : "Sabiex jitwettaq min-naha tal-Kunsill Lokali jinhtieg li l-istess perit jigi mitlub jipprepara bills of quantities. Peress li x-xoghol jitob spiza ta' natura kapitali, l-Kunsill Lokali mbaghad ikun jinhtieg li jsiru l-pjanijiet finanzjarji u x-xoghol jiddahhal fil-pjan ta' hidma. Dwar il-possibilita' illi x-xoghol isir minn terzi, hija prerogattiva tal-Kunsill Lokali li jiehu decizjoni dwar il-materja."

**21.5 Approvazzjoni ta' skedi ta hlasijiet;**

21.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru008/20) ghall-approvazzjoni.

21.5.2 Fuq proposta tas-Sur Marco Agius ssekondata mis-Sur Johann Scerri, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

21.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' petty cash mahrug waqt ix-xahar ta' Lulju 2020.

21.5.4 Fuq proposta tas-Sa. Melanie Agius ssekondat mis-Sur Martin Vella, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' petty cash li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (Dok B).

**21.6 Sejhiet ghall-offerti/ kwotazzjonijiet**

21.6.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif stabbilit, il-perit tal-Kunsill Lokali kien wettaq revizjoni tal-*bills of quantities* b'konnessjoni ma' progett li l-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jimplimenta fi Grawnds Peppi Delceppo. Wara li l-Kunsill Lokali gie infurmat bid-dettalji tal-*bills of quantities* godda, kien hemm qbil unanimu illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kellha tiehu hsieb illi tipprepara d-dokument tas-sejha ghall-offerti u tivverifika dwar l-istadju ta' applikazzjoni sabiex il-Kunsill Lokali jikseb fondi permezz tal-programm Development Planning Fund tal-Awtorita' tal-Ippjanar.

**21.7 Mili ta' postijiet vakanti**

21.7.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill lokali illi wara decizjoni li kienet ittiehdet fis-seduta precedenti, l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet infurmat lil Jobsplus sabiex jitkompla l-process ghal ingagg ta' skrivana fi skala 15 u tintalab curriculum vitae lil dawk li kienu jirregistraw (part 1 u part 2) mal-istess Jobsplus.

**21.8 Pjan ta' Hidma ghall-perjodu 2020-2024**

21.8.1 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda abbozz ta' dokument li kien gie mhejji b'konnessjoni mal-Pjan ta' Hidma ghall-perjodu 2020-2024 liema dokument kien diga' gie mghoddi lill-Kunsilliera permezz ta' e-mail.

21.8.2 Is-Sindku ghaddiet sabiex taghti dettalji tal-kontenut tad-dokument u ddiskutiet id-dettalji tal-hidma li kienet qieghda tigi proposta, liema hidma kienet tinkludi progetti ta' natura kapitali.

21.8.3 Wara kusiderazzjoni tas-Sindku ssekondata mill-Vici-Sindku u b'votazzjoni unanima il-Kunsill Lokali approva d-dokument hekk kif propost.

**21.9 Rapport finanzjarju ta' kull kwart għall-perjodu Jannar-Ġunju 2020**

21.9.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera preżenti illi hekk kif legalment stabbilit kien tħejja r-rapport finanzjarju ta' kull kwart għall-perjodu Jannar-Ġunju 2020 u stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jagħti spjegazzjoni dettaljata tar-rapport li poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali

21.9.2 Wara li s-Segretarju Eżekuttiv spjega fid-dettall l-imsemmi rapport u wieġeb għal mistoqsijiet li sarulu mill-Kunsillera, fuq kunsiderazzjoni tas-Sa. Alison Zerafa Civelli issekondat mis-Sur Martin Vella u b'votazzjoni unanima, ir-rapport finanzjarju ta' kull kwart għall-perjodu Jannar-Ġunju 2020 ġie approvat hekk kif imressaq.

**21.10 Cospicua Short Play**

21.10.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara s-seduta preċedenti, flimkien mal-kordinaturi tal-festival kienet qiegħda ssegwi s-sitwazzjoni tal-pandemija COVID-19 u linji gwida li kienu qegħdin jinħarġu minn żmien għal żmien mill-Gvern Ċentrali. Is-Sa. Zerafa Civelli saħqet illi flimkien mal-imsemmija kordinaturi kien tfassal pjan sabiex kemm il-darba l-Kunsill Lokali jiddeċiedi li l-attivita' għandha tittella' dan ikun jista' jsehh fi ħdan il-parametri mħabbra mill-Gvern Ċentrali. L-istess miżuri kienu jinkludu fost l-oħrajn limitazzjonijiet fuq l-ammont ta' viżitaturi u kontrolli fuq dawk li jattendu flimkien ma' numru ta' restrizzjonijiet oħra.

21.10.2 Segwiet diskussjoni libera li matulha ġew diskussi materji ta' natura teknika dwar l-attivita' msemmija. Finalment intlaħaq qbil illi kemm il-darba ma jinħarġux linji gwida oħra mill-Gvern Ċentrali li jkun ser ikollhom impatt fuq l-attivita', il-Kunsill Lokali kellu jorganizza l-attivita' bir-restrizzjonijiet imsemmija.

Is-Sur Marco Agius ressaq mozzjoni sabiex minkejja li kienu għaddew tliet sigħat mill-bidu tas-seduta din tkun tista' titkompla billi jiġi estiż il-ħin skont l-att dwar il-Gvern Lokali (Kap 363). Il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Martin Vella u għaddiet b'votazzjoni unanima.

**21.11 Rapporti**

21.11.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara li kienu ġew innutati xi nuqqasijiet fis-servizz li l-Kunsill Lokali kien jirċievi mingħand il-kuntrattur responsabbli mill-ġbir ta' skart goff, ġbir ta' skart domestiku mħallat u żamma u manutenzjoni ta' soft areas, kienet talbet lill-Contracts Manager tal-Kunsill Lokali jissorvelja b'reqqa l-imsemmija servizzi u jelenka d-diffikultajiet u nuqqasijiet li kien hemm fis-servizzi msemmija. Is-Sa. Zerafa Civelli, filwaqt li stiednet lill-contracts manager sabiex jaġġorna lill-Kunsill Lokali b'dak li kienet innotat ipproponiet għaddiet mozzjoni sabiex tiġi sospiża s-seduta bil-għan illi jkun hemm diskussjoni libera dwar il-materja. Is-Sur Marco Agius issekonda l-mozzjoni tas-Sindku u kien hemm votazzjoni unanima.

Is-Seduta giet sospiza fit-8:40 p.m.

Il-membri tal-Kunsill Lokali poggew mal-mejda u s-seduta tkompliet fid-9:00p.m.

21.11.2 Is-Sindku sahqet illi wara li kienet giet evalwata tajjeb is-sitwazzjoni tas-servizzi li l-Kunsill Lokali kien jircievi b'konnessjoni max-xogholijiet imsemmija, kienet qieghda tipproponi (hekk kif kien gie diskuss waqt is-sospensjoni tas-seduta flimkien mal-contracts manager) illi:

- Il-Gbir ta' skart goff kellu jibda' jsir filghodu u mhux wara nofsinhar. Is-Sindku ziedet tghid illi l-proposta kienet qieghda titressaq wara li fil-passat, l-istess kuntrattur kien jigbor l-iskart filghodu u ma kienx hemm problemi fis-servizz.

- Is-Sindku sahqet illi wara li kienet giet evalwata tajjeb is-sitwazzjoni tas-servizz li l-kuntrattur kien qieghed jaghti b'konnessjoni mal-kuntratt taz-zamma u manutenzjoni ta' gonna u soft areas, kienet qieghda tipproponi illi l-kuntrattur jinghata xaghar cans sabiex jirratifika s-sitwazzjoni. Fir-rigward, il-contracts manager kellu jissorvelja x-xoghol u jhejji rapport dettaljat wara li jkun ghamel spezzjonijiet regolari. Kemm il-darba s-sitwazzjoni ma timmeljorax fi zmien xahar, il-Kunsill Lokali kellu jiddiskuti l-possibilita' illi jigi mwaqqaf il-kuntratt imsemmi.

- Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi filwaqt li l-Kunsill Lokali kien innota b'sodisfazzjon illi l-kuntrattur kien qieghed iwettaq hidmietu b'RCV li kien konformi mal-kuntratt, kien qieghed jigi nnutat illi s-servizz kien qieghed idum wisq biex jinghata. Ghaldaqstant, fl-opinjoni taghha kellha titressaq proposta lill-kuntrattur sabiex izid ir-rizorsi umani.

Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi skont dak li kienet ipproponiet is-Sindku bil-materja terga' tigi diskussa flimkien mal-contracts manager fis-seduta segwenti.

**21.12 Rapport Annwali Amministrattiv**

21.12.1 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abbozz tar-rapport annwali amministrattiv. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi l-istess abbozz kien diga' gie diskuss waqt seduti precedenti, bl-amministrazzjoni taghmel l-emendi mehtiega sabiex ikunu inkluzi r-rapporti ta' hidma li l-Kunsilliera kienu pprezentaw hekk kif legalment mitlub minnhom.

21.12.2 Wara li inghataw id-dettalji tal-kontenut tad-dokument, fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Marco Agius, il-Kunsill Lokali b'votazzjoni unanima approva d-dokument hekk kif imressaq.

**21.13 Aggornament tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

21.13.1 Is-seduta giet fi tmiemha fid-9:15p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghat-3 ta' Settembru 2020 fil-5:30 p.m.

Konfermati, illum 10 ta' Settembru 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ___________________ | _______________________ |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |